MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1394/2000/1

**Korporazzjoni EneMalta**

**vs**

**Power Cut Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm610.26,0), rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha kkagunati f'cable tal-elettriku propjeta' tal-Korporazzjoni attrici, liema incident okkorra nhar it-8 ta' Settembru 1998 f'Qormi Road - Santa Venera, u ghal liema danni hu unikament responsabbli minhabba negligenza da parti taghha jew ta' l-impjegati taghha waqt ix-xogholijiet ta' eskavar li hi jew l-impjegati taghha kienu qeghdin jesegwixxu;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar, 2000, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici eccepiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament illi t-talbiet ta' l-attur huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni attrici li izda sehhew minhabba negligenza, traskuragni, u imperizja da parti ta' l–istess Korporazzjoni attrici;**

**3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk kontestat;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta, dak tal-Korporazzjoni attrici jaghzel li ma jipprezenzjax ghall-udjenza rizervata ghal dan l-iskop;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi kien qed isir xoghol ta' thaffir ta' trinek f'Qormi Road, Santa Venera, fil-perjodu meritu tal-procedura odjerna kif indikat fl-avviz odjern;**

**2. Illi dan ix-xoghol kien qed isir mis-socjeta' konvenuta;**

**3. Illi l-persuna responsabbli ghas-socjeta' konvenuta kien sejjah fuq il-post fejn kienu ser isiru x-xogholijiet ta' thaffir lill-"cable attendant" tal-Korporazzjoni attrici biex dan jimmarka fejn qeghdin il-"cables" ta' taht l-art;**

**4. Illi qabel ma nbeda x-xoghol in dizamina s-socjeta' konvenuta effettwat l-applikazzjonijiet kollha dovuti biex b'hekk tkun tista' t'opera bla xkiel;**

**5. Illi wara li l-istess socjeta' konvenuta inghatat id-dovuti permessi nies tal-Korporazzjoni issejhu minnha fuq il-post fejn kellu jsir ix-xoghol rikjest u ghamlu l-marki dovuti;**

**6. Illi dawn l-impjegati tal-Korporazzjoni attrici kienu jigu jghamlu dawn il-marki regolarment;**

**7. Illi l-parti tat-triq fejn saret il-hsara meritu ta' din il-procedura jidher li kienet gia' precedentement ezaminata mill-impjegati tal-Korporazzjoni;**

**8. Illi ghalhekk meta l-impjegati tas-socjeta' konvenuta ipprocedew bix-xoghol taghhom kienu mohhom mistrieh li "…ma kienx hemm "cables" ghaliex ta' l-EneMalta kienu marru jiccekkjaw qabel ma bdew ihaffru", (ara fol 39);**

**9. Illi effettivament il-"cable" de quo intlaqat ghaliex l-impjegati ta' l-EneMalta ma ndikawx li dan il-"cable" kien qieghed hemm;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk jidher assodat li effettivament il-hsara meritu ta' din il-procedura hi dovuta esklussivament ghall-fatt li l-"cable" de quo ma giex preventivament indikat lis-socjeta' konvenuta;**

**Illi dan in-nuqqas jinkombi biss fuq il-Korporazzjoni attrici u konsegwentement din il-qorti taqa' u tiddeciedi li filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta' konvenuta, tichad l-eccezzjoni preliminari stante li r-rikjam gudizzjarju sar fi zmien stipulat fil-ligi, izda tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**